# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 240 :: MEJJU, 2016**



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


**IL-LAQGĦA LI TMISS SE TKUN NHAR IL-ĠIMGĦA, 27 TA' MEJJU FIĊ-ĊENTRU MALTI TA' PARKVILLE, FIS-7.30 PM**

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna. Għad hemm min għadu ma ħallasx tas-sena l-oħra. Ħudu ħsieb.

## MEMBRI ĠODDA

Nilqgħu fostna tliet membri ġodda: **Carmen Mercieca**, kif ukoll **Charles** u **Sunta Sultana**. Grazzi lill-membri tagħna, Rose u Joe Lofaro, li ntroduċuhom lill-Grupp tagħna.

## BBQ B'XEJN GĦALL-MEMBRI KOLLHA

Nhar il-Ħadd, 24 t'April, il-kumitat tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria organizza BBQ bla ebda ħlas għall-membri kollha. Bħas-soltu dan inżamm fuq il-proprjeta` tal-membri tagħna Frank u Draga Bonett li joqgħodu f'Bulla. Madwar 40 membru kienu preżenti li waslu mall-11 ta' filgħodu.

Minn dawk li waslu l-ewwel kienu il-mużiċisti: Joe Gauci (kitarra), Alfred Xuereb (*synthesiser*), Joe Camilleri (perkussjoni) u Manuel Casha (kitarra). Dawn mill-ewwel bdew jarmaw l-istrumenti tagħhom.

Il-membri mill-ewwel ħadu posthom fuq l-imwejjed li Frank u Draga kienu ġa ppreparaw għalina.

It-tisjir taz-zalzett u l-laħam kien f'idejn Joe Lofaro u Charles Attard.

Fl-istess ħin is-Segretarja Soċjali, Salvina Vella, flimkien ma' oħrajn li offrew l-għajnuna tagħhom bdew jippreparaw is-*salads* u affarijiet oħra. Matul dan kollu l-mużiċisti kienu ġa bdew idoqqu.

F'qasir ħin beda jitqassam l-ikel u kulħadd kiel u xeba.

Wara l-ikel kellna madwar siegħa u nofs mużika li kulħadd ħa gost biha.

Imbagħad kien wasal il-ħin għal qari ta' xogħol oriġinali, jew xogħol ta' awturi oħra.

Ħadna gost naraw fostna ftit tfal żgħar, Grace Camilleri u Charlotte Camilleri u żewġ neputijiet tal-membri Dr Victor Sammut u martu, Doris, Zoe u Leo Steidle. Dawn ukoll bdew jilagħbu l-boċċi li ġieb miegħu il-membru Joe Camilleri. In-neputija ta' Frank u Draga Bonett, Tara Murphy, ukoll kienet preżenti flimkien ma' ommha, Melita.

Aktar tard saru żewġ preżentazzjonijiet. L-ewwel waħda kienet liċ-ċkejkna Charlotte Anne Camilleri. Charlotte kważi dejjem tieħu sehem fil-programm mużiko-letterarju li jkollna f'Settembru ta' kull sena, billi taqra' xi ħaġa bil-Malti li jgħallmuha n-nanniet. Charlotte ingħatat ktieb "L-Ewwel Dizzjunarju Tiegħi". It-tieni preżentazzjoni kienet ta' żewġ rigali żgħar lil Frank u Draga Bonett bħala apprezzament li jilqgħuna għandhom kull sena.



Nibdew biex nirringrazzjaw lil Frank u Draga li laqgħuna għandhom. Nirringrazzjaw lill-mużiċisti li ta' kull sena jallegrawna bil-mużika tagħhom. Grazzi lill-membri li ġiebu magħhom xi ħelu u affarijiet oħra. Grazzi wkoll lil Joe Lofaro u Charles Attard li kellhom it-tisjir tal-BBQ f'idejhom. Grazzi speċjali lis-Segeretarja Soċjali li ħadet ħsieb kollox għal dak li hu xiri u ħafna preparamenti oħra. Kollox fuq kollox konna kuntenti li kulħadd ħa gost u ħareġ sodisfatt b'dak kollu li ġie pprovdut.

***Aktar ritratti f'Paġna 3***

## GWIDA GĦALL-MALTI KOMUNIKATTIV — *Charles Daniel Saliba*




L-awtur Charles Daniel Saliba għadu kemm nieda ktieb ġdid bl-isem "Gwida għall-Malti Komunikattiv". Dan il-ktieb qiegħed imfassal apposta biex jgħinek tikkomunika aħjar bil-Malti miktub. Fih se ssib pariri u mudelli ta' kif tagħmel tipi ta' kitbiet differenti li niltaqgħu magħhom fi żminijiet differenti matul ħajjitna. Fih jinkludi pariri konċiżi u mudelli ta' kif tagħmel: komponimenti ta' stili differenti; ittra formali, informali, f'gazzetta, għal xogħol u ittra elettronika; avviż, deskrizzjoni, direzzjoni, djalogu, kapxin, lista, messaġġ, rapport, reklam, slowgan, struzzjoni, taqsira u traduzzjoni. Saliba fassal ukoll taħriġ fuq kull sezzjoni. L-awtur huwa għalliem tal-Malti, li għallem il-livelli kollha tal-MATSEC, jaf x'diffikultajiet iħabbtu wiċċhom magħhom l-istudenti u għalhekk fassal dan il-ktieb biex jgħinhom. Dan il-ktieb huwa tajjeb biex jintuża b'mod individwali, fi gruppi, jew l-iskola. Għal aktar informazzjoni, tista' żżur is-sit www.charlesdanielsaliba.com




## "ĦUTA" – *ktieb ġdid ta' Immanuel Mifsud*

Ħuta huwa ġabra ta' poeżiji li tkompli mnejn ħalliet il-ġabra ta' qabel din, jiġifieri Penelopi Tistenna (ktieb rebbieħ tal-Premju Letterarju 2013), li kienet ħarġet fl-2013. F'Ħuta hemm ftit inqas minn mitt poeżija li nkitbu f'dawn is-sentejn.

It-temi fil-ktieb ivarjaw: minn riflessjonijiet fuq il-vjaġġi u l-pajjiżi differenti fejn il-poeta spiss ikun mistieden jitla' jaqra, sa ritratti poetiċi ta' mumenti erotiċi, kummentarji politiċi u d-dilemma jekk hu għandux jirtira xi mkien fis-silenzju jew, għall-kuntrarju, għandux jaddotta sens akbar ta' impenn.

Bħall-kotba l-oħra kollha li Immanuel Mifsud ħareġ mill-2003 'l hawn, Ħuta huwa pubblikazzjoni tal-Klabb Kotba Maltin.

## Fil-Ġnien

Is-sardinella, bħall-kampanella
kollha lwien, jiġru mal-ġnien.

Friefet ferħana, psiepes kotrana,
jgħannu fis-siġar, iqajmu l-ġnien.

Ġol-vaska kbira, hemm ħut ħamrani
jinġibed lejja, qisu jarani!

U resqin lejja, mhux biss il-papri,
iżda ċ-ċinji, kbar u sbieħ,
il-prinċipessi ta' dal-ġmiel ta' ġnien!spacing

Taħt xi palma kbira
insibu xi bank għall-kwiet,
nisimgħu tal-psiepes il-għanjiet,
u nduqu naqra mistrieħ
ġo dan il-post, tassew sabiħ!



***Marlene Saliba Toledo***

### *Mill-ħabib tagħna f'Malta...*
### *ENZO GUSMAN*




State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**







*Mix-xellug għal-lemin: Grace Camilleri, Charlotte Camilleri u Zoe u Leo Steidle*













*Rosemary Attard (Segretarja) u Dr Victor Sammut (President) ma' Charlotte Camilleri*



**Tara Murphy**



# JIKTEB SALV SAMMUT MINN MALTA . . .

*Għażiż Paul, Qabelxejn inroddlok ħajr u nifraħlek li int flimkien mal-Maltin fl-Awstralja qegħdin iżommu l-ilsien għażiż tagħna ħaj ukoll minn daqstant kilometri bogħod. Jalla tis-soktaw sejrin hekk. Jien naqra r-rivista tagħkom b'interess kbir u ma nħossnix daqshekk 'il bogħod minnkom. Sa issa għandi ħames rumanzi pubblikati, ġabra ta' novelli pubblikati flimkien ma' tliet kotba tal-poeżiji pubblikati wkoll. Din is-sena se joħroġ is-sitt rumanz u jibqagħli tnejn oħra. Dan minbarra żewġ oratorji, saġġi u madwar ħames mitt poeżija. Qed ngħidlek dan bħala introduzzjoni tiegħi miegħek.*

*Issa, bħalma taf, f'Mejju jiġi ċċelebrat Jum l-Omm u għaldaqstant, ġentilment qed nitolbok jekk huwiex possibbli li tippubblikali din il-poeżija li se nibgħatlek għal dan il-jum. (P. 5)*

*Ħajr bil-quddiem u tislijiet,*

***Salv Sammut, Imtarfa***

## PROFIL ĊKEJKEN

Salv Sammut twieled f'Ħal Lija fl-4 ta' Marzu tas-sena 1947. Ta' tmien snin marru joqogħdu l-Isla u ta' għaxar snin telqu lejn Ħal Balzan. Wara sentejn telgħu mill-ġdid Ħal Lija u ta' sebgħa u għoxrin sena żżewweġ u mar joqgħod Ħal Balzan sakemm fl-1985 tela' joqgħod fl-Imtarfa.

Salv Sammut attenda l-iskola primarja ta' Ħal Lija u wara l-iskola sekondarja ta' St Joseph Technical School ta' Raħal Ġdid. Huwa ħa kors fl-Università ta' Malta u għandu Diploma fl-istudji soċjali u relazzjonijiet industrijali.

Il-ħajra li jitkellem għal u f'isem sħabu minn dejjem kienet fih. F'żogħżitu ġewwa Ħal Lija kien attiv fil-politika partiġjana iżda meta beda jaħdem daħal fil-General Workers Union u baqa' tiela' l-iskaluni kollha tal-ġerarkija tagħha sakemm fis-sena 2001 laħaq il-ħmistax-il President ta' din l-Union sa ma rtira bl-età fis-sena 2008. Fiha assuma r-rwol tal-qasam tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol liema qasam involvih l-ewwel fil-Kummissjoni għall-promozzjoni tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u wara wkoll membru fl-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà.

B'riħet dan l-involviment, Salv Sammut irrappreżenta lill-ħaddiema Maltin fl-Advisory Committee on Health and Safety tal-Unjoni Ewropea u fis-sotto-kumitati tagħha u f'żewġ konferenzi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti. Il-qasam tas-Saħħa u Sigurtà ġagħlu jivvjaġġa f'bosta pajjiżi. Fil-fatt huwa żar 28 pajjiż li f'kull pajjiż żar aktar minn belt waħda.

**FIL-QASAM LETTERARJU**

Salv Sammut huwa kittieb ta' 7 rumanzi, (erbgħa pubblikati, ieħor se jkun ippubblikat din is-sena u tnejn għadhom jistennew), ġabra pubblikata ta' 33 novella, 21 novelli ta' 200 kelma-il waħda li wħud minnhom dehru fuq facebook, 450 poeżija b'tema ġenerali, 43 poeżija bl-Ingliż, 144 poeżija dwar il-bliet barranin li żar, 41 ħajku, 2 Oratorji, 42 saġġ u 8 drammi żgħar kif ukoll 162 artikli politiċi kemm dam President tal-General Workers Union.




Salv Sammut kien membru fl-Għaqda Letterarja Maltija u membru fl-ewwel kumitat tal-Moviment Qawmien Letterarju. Kien Segretarju tal-Għaqda Poeti Maltin, membru tal-Akkademja tal-Malti, membru tal-Għaqda tal-Malti – Univeristà, membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kif ukoll membru tal-Academy of American Poets.

Illum huwa l-Moderatur tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u koordinatur fl-Uffiċċju Pastorali tal-Imtarfa u membru fl-Unità ta' bejn l-Imtarfa, Ħad Dingli, l-Imdina u r-Rabat.



Salv Sammut

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Il-Programm Mużiko-Letterarju huwa wieħed mill-iktar avvenimenti importanti fil-kalendarju tal-Grupp tagħna. Din is-sena dan se jinżamm **f'Settembru** fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Nitolbukom li żżommu din id-data biex tkunu tistgħu tattendu. Jekk hemm xi membri li għandhom xi xogħol għall-Programm Mużiko-Letterarju ta' din is-sena tkun ħaġa tajba jekk jibagħtuh lil **Paul Vella, 4 Legh St, Reservoir, Victoria, 3073** biex ikun jista' jibda jaħdem fuqu u mhux kollox jaqa' għall-aħħar ħin. Kif tafu, ix-xogħol irid jiġi ttajpjat, moqri, ikkoreġut, u wara jerġa' jiġi moqri. Dan jieħu ħafna żmien. Wara irid jiġi ppaġnat u jmur għand l-istampatur biex jiġi mitbugħ u jkun għandna għall-Programm Mużiko-Letterarju. L-għajnuna tagħkom tkun apprezzata. Fl-istess ħin, dawk li għandhom aċċess għall-*internet*, ikun aktar faċli jekk jibagħtu x-xogħol tagħhom permezz ta' *email* lili: **paul.vella44@gmail.com** qabel l-aħħar ta' Ġunju.

**XOGĦLIJIET MA JIĠUX AĊĊETTATI WARA L-AĦĦAR TA' ĠUNJU.**


**Nirringrazzja lil Joe Borg, Patrick Sammut, Sergio Grech, l-Akkademja tal-Malti u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta li nirċievu mingħandhom. Grazzi wkoll lil Rose Lofaro għall-għajnuna li nirċievi. Grazzi u napprezza ħafna.**

# *ITTRI U EMAILS LI NIRĊIEVU...*

Għażiż Paul, Niżżikħajr tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, għax-xahar t'April 2016. Il-mixja ta' l-attivitajiet tagħkom, tibqa' mixja ħafifa u soda 'l-quddiem, biex la jintesew il-kitbiet Maltin li jikkostitwixxu l-letteratura tagħna u lanqas jintesew aħbarijiet importanti, konnessi mal-kitba u l-kotba bil-Malti. Hu ta' ġieħ għal Malta, li inti Paul, flimkien mal-kollegi kollha tiegħek, bqajtu timxu wara l-istandard ta' pajjiżna, għadkom tħobbu, tgħożżu, tħaddnu l-ilsien tagħna, il-Malti, u għadkom tippromovuh, ixxandruh, twessgħuh, iġġedduh. Dan jiġbed lejkom ammirazzjoni mistħoqqa.

Naf illi intom ma taħdmux għall-ammirazzjoni imma ma jistax ikun lanqas, li ħidma bħal dik li qed tagħmlu intom, ma tkunx rikonoxxuta. B'imħabba:

***Mario Grisct*i**

Għażiż Paul, Għadni kif irċevejt il-folju tiegħek u bħas-soltu xi ħaġa ġdida u interessanti dejjem insib. Grazzi mill-qalb talli għoġbok tinkludi ukoll l-informazzjoni dwar il-kotba ta' Patri Donat Spiteri OFMCap. Grazzi ħafna u tislijiet

***Anna Spiteri***

Għażiż Paul, Grazzi ħafna u mill-qalb, tal-folju li nieħu pjaċir ħafna bih. Grazzi li ġibt il-poeżija tiegħi u introduzzjoni għall-ktieb sabiħ tal-ħabiba tiegħi Lina Brockdorff li bħalissa wasalt biex inlestih, għalija hija storja mill-isbaħ li għandha postha mal-ikbar kollezzjoni tal-letteratura Maltija Romanza. Nerġa' niktiblek ma ndumx u nibgħatlek xi kitba, sadanittant nawguralek il-Ħadd it-Tajjeb.

***Amanda Busuttil***

Għażiż Paul, Grazzi u prosit tassew għall-ħarġa tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija li għoġbok tibgħatli, u li jien sibtu interessanti bħal f'kull ħarġa. Inselli għalik ħafna u nifraħlek għall-ħidma sabiħa tiegħek u ta' sħabek.

***Oliver Friggieri***

Grazzi għażiż Paul. Għadni kemm niżżilt il-folju tal-Grupp. Awguri u
jalla l-ferħ tal-Għid jakkumpanjakom f'ħajjitkom u fl-attivitajiet tagħkom. Nibgħat inselli għal kulħadd.

***Patri Lucjan Borg, OSA (Kuba)***

Hi Paul, grazzi ħafna u prosit verament għall-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ħarġa t'April. Dejjem nieħu gost naqrah... ferm informattiv u nteressanti.
Tislija għalik u għal Salvina.

***Carmen Galea (Toronto, Canada)***

## JIEM SAN SPARALU

Għodwa ta' festa dalgħodu
l-għasafar ipespsu fil-bitħa mdella
u fl-isfond għajat ta' tfal tal-iskola
għar-ritmu le jieqaf tal-isparaturi.
Illum San Sparalu bakkar fuq tiegħu
għall-kolpi tas-snieter isellmulu
minn fuq is-swar tal-madwar
u tfal ferħana jgħajtu u jilagħbu
u l-għasafar ipespsu jfittxu l-kenn
murtaletti minn hawn u minn hemm
u ħarsitna lejn is-sema attenti
ħa nimmiraw u nisparaw
u niskru bil-qtar tad-dmija jqattru
u l-qirda nkattru.
Illum San Sparalu kollu emozzjoni
għajnejh u widnejh attenti għall-
kommozzjoni
jifli l-orizzonti
tal-passa l-movimenti
u jitpaxxa bil-kolpi le jieqfu
għax jaf li kollox f'ismu,
it-temp bnazzi, favurih il-kurrenti,
u l-kolpi le jieqfu
u l-qtar tad-dmija jqattru
u l-qirda nkattru...
Illejla fit-tard jerġa' s-silenzju
mortali...

***Patrick Sammut, Malta***

## L-OMM

Minn fost il-ħlejjaq kollha
Int tibqa' l-waħdiena
Li b'imħabbtek tixgħel qlub
Bħal kewkba fiddiena.
Ta' wliedek tinsa
Kull għelt u fik il-kenn
Isibu fil-waqt tat-twegħir
Għax int taħfer u dlonk tħenn.
Lilhom biss tħaddan fi ħdanek
Tħarishom sew taħt dellek
Tarahom jikbru u jisseddqu
Fl-isbaħ fjur li seta' kellek.
'Żda bħall-omm fuq il-Golgota
Tħoss il-weġgħa tad-duluri
U fis-skiet tostorha f'qalbek
mingħajr ma turi.
Imm'int għandek tkun kburija
Li l-Ħallieq seddqek fiż-żmien
Li minn ġufek tnissel ħajja
Fl-isbaħ opra tal-ħolqien.

***Salv Sammut***
***(14 ta' April, 2016)***

***Il-President u l-Kumitat tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria jixtiequ lill-ommijiet kollha l-isbaħ xewqat fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm***

## ISPIRAZZJONI

Alla pitter id il-bniedem
waqt li sawwar id il-weraq.

Alla skolpixxa moħħ il-bniedem
waqt li sawwar il-muntanji.

Alla kiteb poeżija
fuq il-wiċċ ta' kull persuna.

Jħobb jgħaddi ħafna ħin
f'librerija li hemm il-ġenna.



***Amanda Busuttil*** *(Ħal Għaxaq)*

## IL-LAQGĦA LI TMISS SE TKUN IL-ĠIMGĦA, 27 TA' MEJJU, 7.30 PM

**Hu fil-ħsieb tal-Kumitat li l-laqgħat ta' Ġunju u Lulju, minflok isiru l-aħħar Ġimgħa ta' kull xahar fis-7.30 pm, isiru l-aħħar Ħadd tax-xahar fis-2 pm minħabba t-temp xitwi. Nitkellmu fuq dan fil-laqgħa li tmiss, NHAR IL-ĠIMGĦA, 27 TA' MEJJU.**